# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIŻJONI NUMRU 1216

KAŻ NRU : 1457

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Alfred Rizzo

u

Sant' Iermu Shipping Co. Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg

allegata li hi nġusta

Data: 8 ta' Awissu 2001

## CHAIRMAN : Is-Sur Colin Tabone

Dan il-każ ġie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali permezz ta' ittra datata 14 ta' Lulju 2000, ref: MSP/T1/49/2000 skond il-provediment ta' l-Artiklu 28(2) tal-kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-appellant, is-sur Alfred Rizzo kien assistit mis-sur Emanuel Micallef - Segretarju Taqsima Port u Transport General Workers' Union u minn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici.

Il-Kumpanija Sant' Iermu Shipping Company Ltd. kienet assistita mill-avukat Kris Borg.

**Stqarrija tal-Każ:**

L-appellant iddikjara li kien impjegat mal-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. bħala Marine Engineer mill-11 ta' Marzu 1997 sa kemm ġie terminat l-impieg tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2000. Hu kien assenjat xogħol abbord il-vapur M.T. St. Elmo tal-kumpanija mill-bidu ta' l-ingaġġ tiegħu. Hu dejjem wera sens ta' responsabbilita' fuq ix-xogħol u qatt ma wera xi attitudni negattiva.

Il-kumpanija fil-bidu tas-sena 2000 iddeċidiet li tbiegħ il-vapur u minflok daħlet f'charter agreement u bdiet tħaddem żewġt vapuri oħra.

Il-kumpanija daħlet f'negożjati mal-Union UHM biex minkejja din id-deċiżżjoni ma jkunx terminat l-impieg tal-impjegati fosthom dak ta' l-appellant.

L-appellant afferma li kien hemm 5 li aċċettaw il-kundiżżjonijiet offruti mill-kumpanija u rtiraw mill-impieg. Tnejn telqu minn jeddhom għax sabu xogħol alternattiv, wieħed miet, tlieta li kienu barranin ġie terminat il-kuntratt li kellhom mal-kumpanija waqt li ħamsa oħra qegħdin jaħdmu mal-kumpanija MOBC. Minn dawn, erbgħa huma Maltin u l-ieħor huwa barran li huwa wkoll Marine Engineer li l-work permit tiegħu jagħlaq f'Diċembru 2000.

Saru xi diskussjonijiet bejn il-Management u l-GWU li tagħha is-sur Rizzo huwa membru fejn il-Kumpanija offriet lill-appellant li zzomm temporarjament jaħdem ma' l-MOBC għal perjodu ta' xahrejn biex jingħata ċans li jsib xogħol alternattiv. IL-GWU sostniet li l-appellant sata ġie trattat bħal dawk il-ħamsa li qegħdin jaħdmu mal-MOBC. Madankollu il-GWU ma' eskluditx il-possibilita li f'każ li s-sur Rizzo jsib impieg alternattiv tidħol f'negożjat mal-kumpanija dwar kumpens ta' terminażżjoni.

Minn naħa tal-kumpanija qed jiġi sostnut li l-impieg ġie terminat minħabba redundancy peress li l-kumpanija li kienet timpjegah kienet qed tiġi xolta u li l-bastiment M.T. St. Elmo kien jikkostitwixxi l-assi kollha tal-kumpanija. Il-kostitużżjoni ta'

din il-kumpanija kien li topera dan il-bastiment. Il-kuntratt ta' l-impieg ta' l-appellant kien li ġie impjegat mill-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. bħala second engineer abbord il-bastiment M.T. St. Elmo.

Il-kumpanija jidrilha li mxiet skond il-liġi fit-terminazzjoni tal-impieg tas-sur Rizzo.

Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti miż-żewġt partijiet ma' l-istqarrijiet tal-każ u waqt is-smiegħ tax-xhieda.

**Kunsiderażżjonijiet**

It-Tribunal għandu quddiemu każ fejn l-appellant qed jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu kienet nġusta u l-kumpanija ssostni li t-tkeċċija kienet waħda ta' redundancy u skond il-liġi.

Kemm mix-xhieda u mit-trattażżjonijiet finali ħarġu dawn il-punti:

1. Minuti ta' laqgħa li saret fl-4 ta' Frar 2000 bejn iċ-Chairman tal-MOBC, id-direttur ta' Sant' Iermu Shipping Co. Ltd, is-segretarju tat-Taqsima UHM u żewġt shop stewards fejn ġie miftiehem

   a) b'effett immedjat il-Union tissospendi l-azzjoni industrijali

   b) Il-Management u l-Union jaqblu illi mhumiex ha jingħataw sensji u jitrabtu illi jinfetħu negożjati minn nhar it-Tnejn 6 ta' Frar u jingħataw għaxar tijiem żmien bil-għan li possibilment jintlaħaq ftehim dwar ix-xogħol tal-ħaddiema

   c) F'każ ta' nuqqas ta' ftehim it-tnejn jintrabtu illi jinstab medjatur biex isolvi l-problema.

2. L-appellant iħoss li minkejja l-kumpanija Sant' Iermu kienet qed tiġi xolta, kellu jiġi assorbit fl-MOBC peress li l-MOBC hija l-holding company ta' Sant' Iermu Shipping Co. Ltd.

## Riflessjonijiet

Il-qofol tal-każ ta' l-appellant huwa ppernjat għall-laqgħa ta' l-4 ta' Frar 2000. Huwa minnu li wara din il-laqgħa saru diversi laqgħat biex jinstab xogħol alternattiv kif xehed is-sur Frank Sammut. Sussegwentament intlaħaq ftehim fuq skema fejn kien hemm min aċċetta l-kundizzjonijiet tal-pakkett offrut mill-kumpanija, kien hemm min irtira mill-impieg u kien hemm min ġie assorbit fl-MOBC.
Dawn l-arranġamenti kienu saru mal-UHM. B'danakollu jidher li l-GWU kienet qed tkun informata b'dak li kien qed jiġri.

Jirriżulta wkoll li l-appellant ġie offrut xogħol alternattiv.

Smajna wkoll li xi kumpaniji ġew avviċinati biex jinstab xogħol għas-sur Rizzo iżda ma irnexxewx. Mhux il-każ li nidħlu fil-mertu ta' dan għax it-Tribunal iħoss li għandna niffukaw fuq jekk it-tkeċċija kienetx ġusta jew le.

Wieħed irid jinnota li l-kumpanija MOBC u Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. huma żewg kumpaniji legali u distinti minn xulxin.

L-appellant kien impjegat mal-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. u mhux ma' l-MOBC.

Għaldaqstant it-Tribunal irid jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu mal-kumpanija saritx skond il-Liġi.

## Konklużjoni:

Hemm nuqqas ta' qbil dwar id-deċiżżjoni tal-laqgħa ta' 4 ta' Frar 2000. L-appellant huwa tal-fehma li l-kumpanija għandha l-obbligu li ssiblu xogħol alternattiv. Jidher ċar li wara din il-laqgħa l-affarijiet żvolġew skond is-sitwazzjoni tal-mument. Infatti ntlaħaq ftehim mar-rappreżentant tal-ħaddiema dwar skema.

Matul is-sessjonijiet ta' dan il-każ deher ċar li l-appellant ried li jiġi mpjegat mill-MOBC fejn għal xi xhur għamel xogħol għandha.

ġie iċċarat kif xi wħud mill-ħaddiema ġew assorbiti fl-MOBC.

Il-fatt jibqa pero' li l-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. ġiet xolta u l-impiegi kollha ġew terminati minnha.

It-Tribunal huwa sodisfatt li wara l-laqgħa ta' l-4 ta' Frar 2000 il-kumpanija għamlet l-isforżi neċessarji biex tinstab soluzzjoni fiċ-ċirkostanżi li kienet qed topera fihom.

Huwa fatt li l-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. ma kienetx f'pożizzjoni li ggieghel lill-MOBC biex tassorbi l-appellant. Dan spetta għall-MOBC li mhix marbuta jew obbligata li tagħmel dan.

**Deċiżjoni**

It-tkeċċija mill-impieg mal-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. saret minħabba redundancy u għalhekk skond il-Liġi.

Madankollu l-kumpanija Sant' Iermu Shipping Co. Ltd. għandha tonora l-impenn tagħha li tagħti benefiċċju ta' tmiem l-impieġ kif ġie offrut u li l-appellant jingħata ċertifikat għaż-żmien li ħadem mal-kumpanija.

Għall-finijiet ta' l-avviż legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 kull wieħed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

---------------
**Colin Tabone**
**Chairman**

---------------
**Noel Casha**
**A/Segretarju**